

31994L0038

23.8.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 217/8

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 94/38/KE****tas-26 ta' Lulju 1994**

**li temenda l-Annessi Ċ u D tad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE dwar it-tieni sistema ġeneralist għar-rikonoxximent ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonal sabiex tissupplementa d-Direttiva 89/48/KEE**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar it-tieni sistema ġeneralist għar-rikonoxximent ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonal sabiex tissupplementa d-Direttiva 89/48/KEE<sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 15 tagħha,

Billi, meta wieħed jeżamina talba rraġunata għaż-żieda ta' kors ta' l-edukazzjoni jew tat-taħriġ mal-lista fl-Anness Ċ jew D jew għat-tnejhija ta' kors bħal dan minn dawk l-Annessi, il-Kummissjoni, bis-saħħa ta' l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 92/51/KEE, hija meħtieġa li tivverifika partikolarment jekk il-kwalifikasi li tirriżulta mill-kors tagħix lid-detentur livell ta' edukazzjoni jew taħriġ professjonal ta' livell għoli ta' paragun mal-kors post-sekondarju li hemm referenza għalih fil-punt (i) tat-tieni subinċiż ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1(a), u livell simili ta' responsabbiltà u attivitā;

Billi l-Gvern Ġermaniż għamel talbiet irraġunati għall-emendar ta' l-Annessi Ċ u D tad-Direttiva u l-Gvern Taljan għamel talba rraġunata għall-emendar ta' l-Anness Ċ;

Billi, partikolarment, ir-referenza għat-titolu professjonal tal-fiżjoterapista ("Krankengymnast(in)") fil-Ġermanja trid tigħi emodata insegwitu ta' bidla fil-liġi nazzjonali li introduċiet titolu professjonal mingħajr, madankollu, ma bidlet l-istruttura ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonal;

Billi, partikolarment, il-korsijiet ta' taħriġ li għandhom jiżdiedu mal-lista fl-Anness Ċ fir-rigward tal-Ġermanja għandhom l-istess struttura bħal dawk digħi mniżżla, fir-rigward tal-Ġermanja, l-Italja u l-Lussemburgu, fil-punt 1 ("Korsijiet ta' taħriġ paramediku u tal-kura tat-tfal") f'dak l-Anness;

Billi l-Italja biddlet il-korsijiet ta' taħriġ u edukazzjoni tagħha għall-kontabili ("regioniere") u għall-eserti tal-kontabilità ("perito commerciale"), bir-riżultat li dawk il-korsijiet issa jidħlu taħt id-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE<sup>(2)</sup>; billi, fil-każ ta' konsulenti tax-xogħol ("consulenti del lavoro"), il-kors ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ kopert mid-Direttiva 89/48/KEE issa huwa l-forma prinċipali ta' edukazzjoni u taħriġ għall-professjoni kkonċernata; billi,

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, ta' l-24.7.1992, p. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU L 19, ta' l-24.1.1989, p. 16.

skond dan, il-korsijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għal dawk iż-żerw professjoniċi m'għandhomx aktar jibqgħu inklużi fl-Anness Ċ, peress li d-detenturi tal-kwalifikasi koperti mid-Direttiva 92/51/KEE jistgħu, permezz ta' l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48/KEE, jaapplikaw sabiex jiġu trattati bl-istess mod;

Billi skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/51/KEE id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva m' humiex applikabbli għall-aktivitajiet koperti minn xi waħda mid-Direttivi mniżżla fl-Anness tagħha, inklużi d-Direttivi li saru applikabbli għas-segwiment bħala persuna mpiegata ta' l-aktivitajiet imniżżla fl-Anness B, anke jekk ċittadin ta' Stat Membru jkun temm wieħed mill-“korsijiet li għandhom struttura speċjali” msemmija fl-Anness D;

Billi, partikolarment, il-korsijiet ta' taħriġ li għandhom jiżdiedu mal-lista fl-Anness D fir-rigward tal-Ġermanja huma simili fl-istruttura għal ċerti korsijiet ta' taħriġ fl-Anness Ċ u invarjabilitment fihom tul totali ta' l-13 il-sena jew aktar, inklużi t-tliet snin jew aktar ta' taħriġ vokazzjonali;

Billi, skond l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 92/51/KEE u sabiex tit-kabbar l-effettività tas-sistema ġeneralist, dawk l-Istati Membri li il-korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom huma mniżżla fl-Anness D għandhom jibagħtu lista tad-diplomi kkonċernati lill-Kummissjoni;

Billi, sabiex l-Annessi jsiru aktar faċli biex jinqraw, il-listi kif emendati għandhom jiġu ppubblikati;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni mogħiġiha mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/51/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

**L-Artikolu 1**

Permezz ta' dawn l-Annessi Ċ u D għad-Direttiva 92/51/KEE qed jiġu emendati kif jidher fl-Anness I hawnhekk.

**L-Artikolu 2**

Il-listi emendati tal-korsijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li jidħru fl-Annessi Ċ u D tad-Direttiva 92/51/KEE huma murija fl-Anness II għal din id-Direttiva.

*L-Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex huma ikunu konformi ma din id-Direttiva qabel l-1 ta' Ottubru 1987. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni immedjatament b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tīġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara li tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1994.

*Għall-Kummissjoni*

Raniero VANNI D'ARCHIRAFI

*Membru tal-Kummissjoni*

## L-ANNESS 1

## 1. L-Anness Ċ qed jiġi emendat kif ġej:

1. Fil-“1. Korsijiet ta’ taħriġ paramediku u tal-kura tat-tfal”, taħt l-intestatura “Fil-Ġermanja”:

(a) it-tieni subinċiż huwa emendat biex jaqra:

“— fiżjoterapista (Krankengymnast(in)/Physiotherapeut(in)’ (¹);

(¹) Mill-1 ta’ Ġunju 1994, it-titolu professionali ‘Krankengymnast(in)’ inbidel b’dak ta’ ‘Physiotherapeut(in)’. B’danakollu, l-membri tal-professjoni li kisbu d-diplomi tagħhom qabel dik id-data jistgħu, jekk dawn jixtiequ, jkomplu jużaw it-titolu ta’ qabel ta’ ‘Krankengymnast(in)’.”

(b) is-segwenti subinċiż huma miżjud:

- “— tekniku tal-laboratorju mediku (medizinisch-technische(r) Laboratoriums-Assistent(in)),
- tekniku tar-raġġi-X mediku (medizinisch-technische(r) Radiologie-Assistent(in)),
- tekniku tad-dijanjosi medika funzjonali (medizinisch-technische(r) Assistent(in) fuer Funktionsdiagnostik),
- tekniku veterinarju (veterinaermedizinisch-technische(r) Assistent(in)),
- dietista (Dietassistent(in)),
- tekniku tal-farmaċċija (Pharmazieingenieur) li jkun akwistat qabel il-31 ta’ Marzu 1994 f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja jew fit-territorju tal- Laender il-ġdida,
- infirmiera psikjatrika (Psychiatrische(r) Krankenschwester/Krankenpfleger),
- speech therapist (Sprachtherapeut(in))”.

2. Fil-“4. Settur tekniku”, taħt “Fl-Italja”:

— it-tielet subinċiż,

“— kontabili (‘ragioniere’), u espert tal-kontabilità (‘perito commerciale’),” qed tiġi mħassra,

— ir-raba subinċiż,

“— konsulenti tax-xogħol (‘consulente del lavoro’),” qed tiġi mhassra,

— is-sitt subinċiż qed tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

“— għal- landsurveyors, bit-tkomplija ta’ kors ta’ taħriġ li jdum mill-inqas sentejn”.

2. L-Anness D qed jiġi miżjud bis-sezzjoni segwenti:

“Fil-Ġermanja:

is-segwenti korsijiet irregolati,

— korsijiet irregolati ta’ preparazzjoni għas-segwiment tal-professionijiet ta’ assistent tekniku (technische(r) Assistent(in)'), assistent kummerċjali (kaufmaennische(r) Assistent(in)'), professjonijiet soċjali (soziale Berufe) u l-professjoni ta’ għalliem tar-respirazzjoni u l-elokuzzjoni ċċertifikat mill-Istat (“staatlich geprüfte(r) Atem-, Sprech- und Stimmlärer(in)”), ta’ tul totali ta’ mill-inqas 13 il-sena, li jenħtieġu it-tmien b’ suċċess tal-kors sekondarju ta’ l-edukazzjoni (mittlerer Bildungsabschluss) u li fihom:

- mill-inqas tliet snin (¹) ta’ taħriġ vokazzjonal fi skola speċjalizzata (Fachschule) li jwasslu għal eżami u, fejn applikabbli, miżjud b’kors ta’ sena jew sentejn ta’ speċjalizzazzjoni li ukoll iwassal għal eżami,
- jew mill-inqas sentejn u nofs fi skola speċjalizzata (Fachschule) li jwasslu għal eżami u miżjud bl-esperjanza fuq ix-xogħol li jdum mhux anqas minn sitt xħur jew kors ta’ taħriġ ta’ mhux anqas minn sitt xħur fi stabbiliment approvat,
- jew mill-inqas sentejn fi skola speċjalizzata (Fachschule) li jwasslu għal eżami u miżjud bl-esperjenza fuq ix-xogħol li jdum mhux anqas minn sena jew kors ta’ taħriġ ta’ mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat,

- korsijiet irregolati għall-professjonijiet ta' ('staatlich geprüfte(r)') tekniku ('Techniker(in)'), ekonomista kum-merċjali ('Betriebswirt(in)'), disinjatur ('Gestalter(in)') u assistent tal-familja ('Familienpfleger(in)') ċċertifikati mill-Istat, ta' tul totali ta' mhux anqas minn 16 il-sena, li bħala prerekwiżit għalihom huwa t-tkomplija b'succcess ta' skola obbligatorja jew edukazzjoni u taħriġ ekwivalenti (ta' tul ta' mhux anqas minn disa' snin) u t-tkomplija b'succcess ta' kors fi skola tas-snajja ('Berufsschule') ta' mhux anqas minn tliet snin, u li jkun fihom, mat-tmiem mill-inqas sentejn ta' esperjenza ta' xogħol, bl-edukazzjoni u t-taħriġ full-time li ma jidumux anqas minn sentejn jew edukazzjoni u taħriġ part-time ta' tul ekwivalenti,
- korsijiet irregolati u taħriġ irregolat fis-servizz, ta' tul ta' mhux anqas minn 15 il-sena, li prerekwiżit għalih ikun, ġeneralment, it-tkomplija b'succcess ta' l-iskola obbligatorja (ta' tul ta' mhux anqas minn disa' snin) u ta' taħriġ vokazzjonali (normalment tliet snin) u li ġeneralment ikun fih mill-inqas sentejn ta' esperjenza ta' xogħol (tliet snin fil-maġġoranza tal-każżejjiet) u eżami bħala parti mit-taħriġ fis-servizz, li l-preparazzjoni għalih ġeneralment tinvolvi kors ta' taħriġ li jew ikun għaddej fl-istess żmien ma' l-esperjenza tax-xogħol (mill-inqas 1 000 siegħa) jew l-attendenza għalih fuq bażi full-time (mill-inqas sena).

L-awtoritajiet Ġermaniżi għandhom jibagħtu lejn il-Kummissjoni u lejn l-Istati Membri l-oħra lista ta' korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Anness.

---

(<sup>1</sup>) It-tul minimu jista' jitnaqqas minn tliet snin għal sentejn jekk il-persuna kkonċernata għandha l-kwalifikasi meħtieġa sabiex tidħol fl-università ('Abitur'), i.e. 13 il-sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti, jew il-kwalifika meħtieġa sabiex wieħed jidħol f'Fachhochschule' (a 'Fachhochschulreife'), i.e. 12-il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti."

## L-ANNESS II

**LISTA TA' KORSIJIET LI GĦANDHOM STRUTTURA SPEĊJALI KIF HEMM REFERENZA DWARHOM  
FIL-PUNT (ii) TAT-TIENI SUBINĊIŻ TA' L-EWWEL SOTTOPARAGRAFU TA' L-ARTIKOLU 1(a)**

**1. Korsijiet ta' tħarriġ paramendiku u tal-kura tat-tfal**

*It-tħarriġ għas-segwenti:*

fil-Ġermanja

- infermiera pedjatriċi (“Kinderkrankenschwester/Kinderkrankenpfleger”),
- fiżjoterapista (“Krankengymnast(in)/Physiotherapeut(in)”) (¹),
- terapista tax-xogħol (“Beschäftigungs-und Arbeitstherapeut(in)”),
- speech therapist (“Logopaede/Logopaedin”),
- ortopista (“Orthoptist(in)”),
- ħaddiem għall-kura tat-tfal rikonoxxut mill-Istat (“Staatlich anerkannte(r) Erzieher(in)”),
- għalliem rimedjarju rikonoxxut mill-Istat (“Staatlich anerkannte(r) Heilpaedagoge(-in)”),
- tekniku tal-laboratorju mediku (“medizinisch-technische(r) Laboratoriums-Assistent(in)”),
- tekniku mediku tar-raqġi-X (“medizinisch-technische(r) Radiologie-Assistent(in)”),
- tekniku tad-dijanjosi medika funzjonali (“medizinisch-technische(r) Assistent(in) fuer Funktionsdiagnostik”),
- tekniku veterinarju (“veterinaermedizinisch-technische(r) Assistent(in)”),
- dietista (“Dietassistent(in)”),
- tekniku tal-farmaċċija (“Pharmazieingenieur”) akwistat qabel il-31 ta' Marzu 1994 f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja jew fit-territorju tal- Laenderil-ġdid,
- infermiera psikjatrika (“Psychiatrische(r) Krankenschwester/Krankenpfleger”),
- speech therapist (“Sprachtherapeut(in)”),

fl-Italja

- dental technician (“odontotecnico”),
- ottiku (“ottico”),
- kiropodista (“podologo”),

fil-Lussemburgu

- tekniku mediku tar-raqġi-X (assistant(e) technique médical(e) en radiologie),
- tekniku tal-laboratorju kimiku (assistant(e) technique médical(e) de laboratoire),
- infermiera psikjatrika (infirmier/ière psychiatrique),
- tekniku mediku — operazzjonijiet (assistant(e) technique médical(e) en chirurgie),
- infermiera pedjatrika (infirmier/ière puériculteur/trice),
- infermiera — anestesista (infirmier/ière anesthésiste),
- masseur ikkwalifikat (masseur/euse diplômé(e)),
- ħaddiem għall-kura tat-tfal (éducateur/trice),

li jirrappreżentaw korsijiet ta' l-edukazzjoni u t-tħarriġ ta' tul totali ta' mill-inqas tlettak-il sena li jkun fihom:

- jew mill-inqas tliet snin ta' tħarriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jwassal għal eżami, f'xi kasijiet miżjud b'kors ta' sena jew sentejn ta' speċjalizzazzjoni li jwassal għal eżami,
- jew mill-inqas sentejn u nofs ta' tħarriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jwassal għal eżami u miżjud bl-esperjenza fuq ix-xogħol ta' mhux anqas minn sitt xħur jew kors ta' tħarriġ ta' mhux anqas minn sitt xħur fi stabbiliment approvat,
- jew mill-inqas sentejn ta' tħarriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jwassal għal eżami u miżjud bl-esperjenza fuq ix-xogħol ta' mhux anqas minn sena jew kors ta' tħarriġ ta' mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat,

(¹) Sa mill-1 ta' Ġunju 1994 it-titolu professjonal “Krankengymnast(in)” ġie mibdul minn dak ta’ “Physiotherapeut(in)”. b’danakollu, il-membri tal-professjoni li kisbu d-diplomi tagħhom qabel din id-data jistgħu, jekk dawn jixtiequ, jkomplu jużaw it-titolu ta’ qabel ta’ “Krankengymnast(in)”

**2. Is-settur ta' l-imgħallem tas-sengħa (“Mester”/“Meister”/“Maître”), li jirrappreżenta l-korsijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fir-rigward ta' abilitajiet mhux koperti mid-Direttivi mniżżeña fl-Anness A**

*It-tahriġ għas-segwenti:*

fid-Danmarka

- ottiku (“optometrist”),

dan il-kors huwa ta' tul totali ta' 14 il-sena, inklużi l-ħames snin ta' taħriġ vokazzjonali mqassma f'sentejn u nofs ta' taħriġ teoretiku pprovduti mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali u sentejn u nofs taħriġ prattiku miksub fuq il-post tax-xogħol, u li jwassal għal eżami rikonoxxut fir-rigward ta' dik is-sengħa u li jagħti d-dritt ta' l-użu tat-titolu ta' “Mester”,

- tekniku ortopediku (“orthopaedimekaniker”),

dan il-kors huwa ta' tul totali ta' 12,5 il-sena, inklużi t-tliet snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali mqassma f'sitt xħur ta' taħriġ teoretiku pprovduti mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali u tliettsn ta' taħriġ prattiku miksub fuq il-post tax-xogħol, u li jwassal għal eżami rikonoxxut fir-rigward ta' dik is-sengħa u li jagħti d-dritt ta' l-użu tat-titolu ta' “Mester”,

- skarpan tal-istivali u ż-żraben ortopediċi (“orthopaediskomager”),

dan il-kors huwa ta' tul totali ta' 13,5 il-sena, inklużi l-erba snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali mqassma f' sentejn taħriġ teoretiku pprovduti mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali u sentejn u nofs taħriġ prattiku miksub fuq il-post tax-xogħol, u li jwassal għal eżami rikonoxxut fir-rigward ta' dik is-sengħa u li jagħti d-dritt ta' l-użu tat-titolu ta' “Mester”.

*It-tahriġ għas-segwenti:*

fil-Ġermanja

- ottiku (“Augenoptiker”),
- dental technician (“Zahntechniker”),
- surgical truss maker (“Bandagist”),
- manifattur tal- hearing-aids (“Hoergeräte-Akustiker”),
- tekniku ortopediku (“Orthopaediemechaniker”),
- skarpan ta' l-istivali ortopediċi (“Orthopaedicschuhmacher”),

fil-Lussemburgu

- optician (“opticien”),
- dental technician (“mécanicien dentaire”),
- manifattur tal- hearing-aids (“audioprothésiste”),
- tekniku ortopediku/ surgical truss maker (“mécanicien orthopédiste/bandagiste”),
- skarpan ta' l-istivali ortopediċi (“orthopédiste-cordonnier”).

Dawn il-korsijiet huma ta' tul totali ta' 14 il-sena, inklużi mill-inqas ġumes snin ta' taħriġ segwiti ġewwa struttura ta' taħriġ strutturata, parżjalment miksuba fuq il-post tax-xogħol u l-parżjament miksuba mill-istabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali, u li jwassal għal eżami li minnu wieħed irid jgħad sabiex jipprattika kull attivitā kkunsi-dridha bħala tas-sengħa/ta' ħila jew independentement jew bħala impiegat b'livell ta' responsabilità komparabbi.

**3. Is-settur tat-tbăħħir**

(a) Trasport bil-baħar

*It-tahriġ għas-segwenti:*

fid-Danmarka

- kaptan tal-vapur (“skibsfoerer”),
- uffiċjal ewljeni (“overstyrmand”),
- quartermaster, uffiċjal tal-gverta (“enestyrmand, vagħavende styrmand”),
- uffiċjal tal-gverta (“vagħavende styrmand”),
- inġinier (“maskinchef”),
- l-inġinier ewljeni (“1. maskinmester”),
- l-inġinier ewljeni/ingenier tar-ronda (“1. maskinmester/vagħavende maskinmester”),

**fil-Ġermanja**

- kaptan, bastiment kbir kostali (“Kapitaen AM”),
- kaptan, bastiment kostali (“Kapitaen AK”),
- uffiċjal tal-gverta, bastiment kbir kostali (“Nautischer Schiffsoffizier AMW”),
- uffiċjal tal-gverta, bastiment kostali (“Nautischer Schiffsoffizier AKW”),
- kap inġinier, grad Ċ (“Schiffsbetriebstechniker CT — Leiter von Maschinenanlagen”),
- il-mekkaniku tal-vapur, grad Ċ (“Schiffsmaschinist CMa — Leiter von Maschinenanlagen”),
- l-inġinier tal-vapur, grad Ċ (“Schiffsbetriebstechniker CTW”),
- il-mekkaniku tal-vapur, grad Ċ — uffiċjal waħdieni ta inġinerija (“Schiffsmaschinist CMaW — Technischer Alleinoffizier”),

**fl-Italja**

- uffiċjal tal-gverta (“ufficiale di coperta”),
- uffiċjal ta l-inġinerija (“ufficiale di macchina”),

**fl-Olanda**

- l-uffiċjal ewlioni (bastiment kostali) (b taħriġ addizzjonali) (“stuurman kleine handelsvaart (met aanvul-ling)”),
- inġinier ta’ bastiment kostali (b’diploma) (“diploma motordrijver”),

li jirrappreżentaw taħriġ:

- fid-Danimarka, ta’ disa’ snin ta’ skola primarja segwita minn kors ta’ taħriġ bażiku u/jew servizz fuq il-baħar ta’ bejn 17 u 36 xahar, issupplementati minn:
  - għall-uffiċjali tal-gverta, sena ta’ taħriġ vokazzjonali speċjalizzat,
  - għall-oħrajn, tlett snin ta’ taħriġ vokazzjonali speċjalizzat,
- fil-Ġermanja, ta’ tul totali ta’ bejn 14 u 18 il-sena, inkluż kors ta’ tliet snin ta’ taħriġ vokazzjonali bażiku u sena ta’ servizz fuq il-baħar, segwiti minn sena jew sentejn ta’ taħriġ vokazzjonali speċjalizzat, miżjudha, fejn xieraq, b’sentejn esperjenza ta’ xogħol fin-navigazzjoni,
- fl-Italja, ta’ tul totali ta’ 13-il sena, li minnhom mill-inqas ħames snin jikkonsistu minn taħriġ professionali li jwassal għal eżami u li huma miżjudha, fejn xieraq, minn kors ta’ taħriġ,
- fl-Olanda, li jinvolvi kors ta’ 14 il-sena, li mill-inqas sentejn minnu iseħħu fi stabbiliment ta’ taħriġ vokazzjonali speċjalizzat, miżjudha b’kors ta’ taħriġ ta’ tnax-il-xahar,

u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-*Istandards tat-Taħriġ*, Iċ-ċertifikar u l-Għassa għall-Baħħara, 1978).

(b) Sajd fuq il-baħar

*It-taħriġ għas-segventi:*

**fil-Ġermanja**

- kaptan, sajd fil-baħar fond (“Kapitaen BG/Fischerei”),
- kaptan, sajd mal-kosta (“Kapitaen BK/Fischerei”),
- uffiċjal tal-gverta, bastiment għall-baħar fond (“Nautischer Schiffsoffizier BGW/Fischerei”),
- uffiċjal tal-gverta, bastiment tat-tbäħħir mal-kosta (“Nautischer Schiffsoffizier BKW/Fischerei”),

**fl-Olanda**

- l-uffiċjal ewlioni/inġinier V (“stuurman werktuigmästige V”),
- inġinier IV (bastiment tas-sajd) (“werktuigmästige IV visvaart”),
- l-uffiċjal ewlioni IV (bastiment tas-sajd) (“stuurman IV visvaart”),
- l-uffiċjal ewlioni/inġinier VI (“stuurman werktuigmästige VI”),

li jirrapreżentaw tħriġ:

- fil-Ġermanja, ta' tul totali ta' bejn 14 u 18 il-sena, inkluż kors ta' tliet snin ta' tħriġ vokazzjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwiti minn sena jew sentejn ta' tħriġ vokazzjonali speċjalizzat, miżjudha, fejn xieraq, b'sentejn esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni,
  - fl-Olanda, li jinvoli kors li jvarja fit-tul bejn it-13 u l-14 il-sena, li mill-inqas sentejn minnu jiġu pprovduti fi skola ta' tħriġ vokazzjonali speċjalizzat, miżjudha b'perjodu ta' tnax il-xahar ta' esperjenza fuq ix-xogħol,
- u li huwa rikonoxxut taħt il-Konvenzjoni Terrimolinos (Konvenzjoni Internazjonali għas-Sigurta tal-Bastimenti tas-Sajd - 1977).

#### 4. Settur tekniku

*It-tħriġ għas-segwenti:*

fl-Italja

- *surveyor tal-bini* (“geometra”),
- *land surveyor* (“perito agrario”),

li jirrapreżentaw korsijiet tekniċi sekondarji ta' tul totali ta' mill-inqas 13 il-sena, li fihom tmien snin ta' skola obbligatorja segwiti minn ħames snin ta' studji sekondarji, inklużi tliet snin ta' tħriġ vokazzjonali, li jwasslu għall-eżami tal-Baċċellerat Tekniku, u miżjudha

- għall- *buildingsurveyors* minn: jew kors ta' tħriġ li jdum mill-inqas sentejn f'uffiċċju professionali, jew ħames snin ta' esperjenza fuq ix-xogħol,
- għall- *landsurveyors*, bit-tkomplija ta' kors ta' tħriġ li jdum mill-inqas sentejn, segwit mill-eżami ta' l-Istat.

*It-tħriġ għas-segwenti:*

fl-Olanda

- marixxal tal-qorti (“gerechtsdeurwaarder”),

li jirrapreżenta kors ta' studju u tħriġ vokazzjonali ta' tul totali ta' 19 il-sena, li fihom tmien snin ta' skola obbligatorja segwiti minn tmien snin ta' edukazzjoni sekondarja inklużi erba' snin ta' edukazzjoni teknika li jwasslu għal eżami ta' l-Istat u miżjudha minn tliet snin ta' tħriġ vokazzjonali teoretiku u prattiku.

#### 5. Korsijiet tar-Renju Unit akkreditati bħala kwalifikasi vokazzjonali nazzjonali jew kwalifikasi vokazzjonali Skoċċiżi

*Tħriġ għal:*

- uffiċċjal xjentifiku tal-laboratorju mediku,
- inġinier ta' l-elettriku għall-minjieri,
- inġinier mekkaniku tal-minjieri,
- assistent soċċjali approvat — saħħa mentali,
- uffiċċjal tal-libertà kondizzjonata (probationofficer),
- terapista dentali,
- iġjenista dentali,
- ottiku bejjiegħ,
- deputat tal-minjieri,
- prattikant tal-falliment,
- conveyancer liċenzjat,
- prostetista,
- l-uffiċċjal ewljeni — vapuri tal-merkanzija/passiġġieri — mingħajr restrizzjoni,
- it-tieni uffiċċjal — vapuri tal-merkanzija/passiġġieri — mingħajr restrizzjoni,
- it-tielet uffiċċjal — vapuri tal-merkanzija/passiġġieri — mingħajr restrizzjoni,

- uffiċjal tal-gverta — vapuri tal-merkanzija/passiġġieri — mingħajr restrizzjoni,
- uffiċjal inġinier — vapuri tal-merkanzija/passiġġieri — mingħajr restrizzjoni ta' żoni,
- aġent tat- *trade marks*,

li jwasslu għal kwalifikasi akkreditati bħala Kwalifikasi Nazzjonali Vokazzjonali (KNV) jew approvati jew rikonoxx-xuti bħala ekwivalenti mill-Kunsill Nazzjonali għall-Kwalifikasi Vokazzjonali jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifikasi Vokazzjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 fl-istruttura Nazzjonali tal-Kwalifikasi Vokazzjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli huma definiti kif ġej:

- **livell 3:** kompetenza f'medda wiesgħa ta' attivitajiet ta' xogħol imwettaq fvarjetà wiesgħa ta' kuntesti u li l-maġġorparti tagħhom huma kumplessi u mhux ta' rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija kunsiderevoli, u l-kontroll u l-iggwidar ta' l-oħrajn huwa meħtieġ ta' sikkut,
- **livell 4:** kompetenza f'medda wiesgħa ta' attivitajiet ta' xogħol kumplessiv tekniku jew professionali mwettqa fvarjetà wiesgħa ta' kuntesti u bi grad sostanzjali ta' resposabiltà u awtonomija personali. Responsabbiltà għax-xogħol ta' l-oħrajn u l-allokazzjoni tar-riżorsi hija preżenti ta' sikkut,

**LISTA TA' KORSIJET LI GĦANDHOM STRUTTURA SPEĊJALI KIF HEMM REFERENZA GĦALIHA  
FIT-TIELET SUBINĊIŻ TAL-PUNT (b) TA' L-EWWEL SOTTOPARAGRAFU TA' L-ARTIKOLU 3**

**Fir-Renju Unit**

Korsijiet irregolati li jwasslu għal kwalifikasi akkreditati bħala Kwalifikasi Nazzjonali Vokazzjonali (KNV) mill-Kunsill Nazzjonali għall-Kwalifikasi Vokazzjonali jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifikasi Vokazzjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 fl-Instruttura Nazzjonali tal-Kwalifikasi Vokazzjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli qed jiġu definiti kif ġej:

- livell 3: kompetenza f-medda vasta ta' attivitajiet ta' xogħol imwettqa f-varjetà wiesgħa ta' kuntesti u li l-maġġorparti tagħhom huma kumplessi u mhux ta' rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u l-kontroll u l-igwidar ta' l-oħrajn huwa meħtieġ ta' sikit,
- livell 4: kompetenza f-medda vasta ta' attivitajiet ta' xogħol kumplessiv tekniku jew professjonali mwettqa f-varjetà wiesgħa ta' kuntesti u bi grad sostanzjali ta' responsabilità u awtonomija personali. Responsabilità għax-xogħol ta' l-oħrajn u l-allokazzjoni tar-riżorsi hija preżenti ta' sikit.

**Fil-Ġermanja**

Is-segwenti korsijiet irregolati,

- korsijiet irregolati ta' preparazzjoni għat-twettiq tal-professjonijiet ta' assistent tekniku ("technisch(r) Assistent(in)", assistent kummerċjali ("kaufmaennisch(r) Assistent(in)", professjonijiet soċjali ("soziale Berufe") u l-professjoni ta' għalliem tar-respirazzjoni u l-elokuzzjoni ċertifikat mill-Istat ("staatlich geprüfte(r) Atem-, Sprech- und Stimmlehrer(in)"), ta' tul totali ta' mill-inqas 13 il-sena, li jenħtieġ t-tmiem b'suċċess tal-kors sekondarju ta' edukazzjoni ("mittlerer Bildungsschluss") u li fihom:

  - mill-inqas tliet snin (¹) ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jwasslu għal eżami u, fejn applikabbi, miżjud b'kors ta' sena jew sentejn ta' speċjalizzazzjoni li ukoll iwassal għal eżami,
  - jew mill-inqas sentejn u nofs fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jwasslu għal eżami u miżjud bl-esperjanza fuq ix-xogħol li jdum mhux anqas minn sitt xħur jew kors ta' taħriġ ta' mhux anqas minn sitt xħur fi stabbiliment approvat,
  - jew mill-inqas sentejn fi skola speċjalizzata ("Fachschule") li jwasslu għal eżami u miżjud bl-esperjanza fuq ix-xogħol li jdum mhux anqas minn sena jew kors ta' taħriġ ta' mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat,

- Korsijiet irregolati għall-professjonijiet ta' ("staatlich geprüfte(r)") tekniku ("Techniker(in)", ekonomista kummerċjali ("Betriebswirt(in)"), disinjatur ("Gestalter(in)") u assistent tal-familja ("Familienpfleger(in)") ċertifikati mill-Istat, ta' tul totali ta' mhux anqas minn 16-il sena, li bħala prerekwiżit għalihom jenħtieġ t-tkompliha b'suċċess ta' attendenza fi skola obbligatorja jew edukazzjoni u taħriġ ekwivalenti (ta' tul ta' mhux anqas minn disa' snin) u t-tkompliha b'suċċess ta' kors fi skola tas-snajja' ("Berufsschule") ta' mhux anqas minn tliet snin, u li jkun fihom, mat-tmiem, mill-inqas sentejn ta' esperjenza ta' xogħol, edukazzjoni u taħriġ full-time li ma jidumux anqas minn sentejn jew edukazzjoni u taħriġ part-time ta' dewmien ekwivalenti,
- Korsijiet irregolati u taħriġ irregolat fis-servizz, ta' tul ta' mhux anqas minn 15-il sena, li bħala prerekwiżit għalih ikun, ġeneralment, it-tkompliha b'suċċess ta' l-iskola obbligatorja (ta' tul ta' mhux anqas minn disa' snin) u tat-taħriġ vokazzjonali (normalment tliet snin) u li ġeneralment ikun fil-mill-inqas sentejn ta' esperjenza ta' xogħol (tliet snin fil-maġġoranza tal-kasijiet) u eżami fil-kuntest tat-taħriġ fis-servizz, li l-preparazzjoni għalih ġeneralment tinvolvi kors ta' taħriġ li jew ikun għaddej kontemporanjament ma' l-esperjenza tax-xogħol (mill-inqas 1 000 siegħa) jew t/jattendi għalih fuq bażi full-time (mill-inqas sena)

L-awtoritajiet Ġermaniżi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista ta' korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Anness.

---

(¹) It-tul minimu jiستا' jitnaqqas minn tliet snin għal konsidera kkonċernata għandha l-kwalifikasi meħtieġa sabiex tidħol fl-università ("Abitur"), i.e. 13 il-sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti, jew il-kwalifikasi meħtieġa sabiex wieħed jidħol f-Fachhochschule" (a "Fachhochschulreife"), i.e. 12-il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti.